

Brussell, 29 ta' April 2021  
(OR. en)

8323/21

**BETREG 9**  
**COMPET 304**  
**IA 66**  
**POLGEN 57**

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' April 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 219 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Regolazzjoni aġjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aġjar

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 219 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 219 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 29.4.2021  
COM(2021) 219 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Regolazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar**

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL,  
LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Regolazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar**

**1. APPOĠĠ GĦALL-IRKUPRU TAL-UE PERMEZZ TA' REGOLAMENTAZZJONI AĦJAR**

Is-sistema ta' "regolamentazzjoni aħjar" tal-Kummissjoni hija waħda mill-aktar approċċi regolatorji avvanzati fid-dinja<sup>1</sup>. It-titjib kontinwu tas-sistema matul l-aħħar snin għenuna b'mod ċar biex niksbu riżultati aħjar.

Hija tivvaluta b'mod sistematiku l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-azzjoni politika u tiżgura kwalità konsistentement għolja tal-leġiżlazzjoni proposta. Minħabba din l-aġenda ambizzjuża tal-Kummissjoni u l-isfidi bla preċedent li qed niffaċċjaw, il-ħtieġa għal analiżi b'saħħitha u evidenza affidabbli hija akbar minn qatt qabel. Għalhekk, qed nipproponu għadd ta' titjib ulterjuri mhux l-inqas biex niżguraw li l-politiki tagħna jappoġġaw l-irkupru u r-reżiljenza tal-UE u t-tranżizzjoni doppja tagħha bl-aħjar mod possibbli. Il-Kummissjoni se:

- Tistieden lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-partijiet ikkonċernati ewlenin biex jgħinu biex jitneħħew l-ostakli u l-burokrazija li tnaqqas ir-ritmu tal-bini tal-infrastruttura tas-seklu 21. Dan se jgħin biex jitħaffu l-investimenti u l-implimentazzjoni ta' NextGenerationEU. Regolamentazzjoni aħjar se jkollha rwol kruċjali f'dan l-isforz u l-Pjattaforma Fit for Future (F4F)<sup>2</sup>, se tappoġġa sforzi biex tissimplifika u tagħmel il-liġijiet tal-UE adattati aħjar għall-ħtiġijiet tal-ġejjieni.
- Bl-introduzzjoni ta' approċċ "one in, one out" adattat għat-tfassil tal-politika fl-UE, tissaħħaħ l-attenzjoni ta' dawk li jfasslu l-politika għall-implikazzjonijiet u l-kostijiet tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)
- Tintegra l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli<sup>3</sup> (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti biex tgħin tiżgura li kull proposta leġiżlattiva tikkontribwixxi għall-aġenda għall-iżvilupp sostenibbli tal-2030; u tiżgura li l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" jiġi applikat fil-politiki kollha f'konformità mal-ġurament tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;
- F'konformità mal-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali tal-2030<sup>4</sup>, regolamentazzjoni aħjar se tippromwovi l-prinċipju ta' "diġitali b'mod awtomatiku" fil-leġiżlazzjoni tal-UE li jmiss bħala għodda importanti għall-appoġġ tat-trasformazzjoni diġitali;
- L-integrazzjoni tat-tbassir strateġiku fit-tfassil tal-politika se tara li l-leġiżlazzjoni eżistenti u ġdida tal-UE tkun adattata għall-futur.

<sup>1</sup> OECD (2018), *OECD Regulatory Policy Outlook 2018* (Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi).

<sup>2</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/refit-making-eu-law-simpler-less-costly-and-future-proof/fit-future-platform-f4f\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/refit-making-eu-law-simpler-less-costly-and-future-proof/fit-future-platform-f4f_mt)

<sup>3</sup> <https://sdgs.un.org/goals>

<sup>4</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, [2030 Digital Compass: the European way for the Digital Decade](#), COM(2021) 118.

Ir-regolamentazzjoni aħjar hija objettiv u responsabbiltà komuni tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE. Aħna se nilħqu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-isforzi tagħhom biex jivvalutaw u jimmonitorjaw l-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-UE u tal-programmi ta' nfiq tal-UE. Barra minn hekk, se nikkooperaw aktar mill-qrib mal-awtoritajiet lokali, reġionali u nazzjonali, u mas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika tal-UE.

Fokus ieħor ser ikun fuq it-titjib tal-fehim tagħna tal-ħtiġijiet għal u l-impatt tal-leġislazzjoni tal-UE fi ħdan u barra l-UE, inkluż l-involviment ma' sħab esterni<sup>5</sup>. Biex ninvolvu lill-individwi, lin-negozji u lis-soċjetà ċivili, aħna se nqajmu kuxjenza dwar il-konsultazzjonijiet pubbliċi tagħna u nagħmluha eħfef biex ninnavigaw u nipparteċipaw fihom. Fl-aħħar nett, se nindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fir-rendikont tagħna tal-2019 ta' regolamentazzjoni aħjar<sup>6</sup>.

## 2. SFORZ KONDIVIŻ

Il-kooperazzjoni fost il-koleġiżlaturi tal-UE, mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, inklużi s-sħab soċjali, hija kruċjali. Jeħtieġ li nagħtu spinta lill-isforzi konġunti tagħna biex intejbu t-trasparenza ta' politika bbażata fuq l-evidenza, nissensibilizzaw dwar il-benefiċċji tal-leġiżlazzjoni u nnaqqsu l-piż tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

### *Il-valutazzjoni tal-impatti<sup>7</sup> u l-eliminazzjoni ta' kostijiet mhux meħtieġa<sup>8</sup>*

Il-Kummissjoni tista' tiddetermina biss l-impatti mistennija, inklużi l-kostijiet u l-iffrankar, assoċjati mal-proposti leġiżlattivi tagħha stess. L-emendi li jsiru għall-proposti matul in-negozjati mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill jistgħu jbiddu b'mod sinifikanti l-implikazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE għan-nies u għan-negozji.

Għalhekk aħna ntenu l-appell tagħna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jonoraw l-impenni fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>9</sup>. B'mod partikolari, inħeġġu liż-żewġ istituzzjonijiet biex jiddokumentaw l-effett tal-emendi tagħhom f'termini ta' impatti antiċipati. Tnedija mill-ġdid tad-djalogu politiku tagħna se tiffaċilita l-iskambju ta' ideat, sabiex il-partijiet kollha jkunu jstgħu jwettqu l-impenni tagħhom skont il-Ftehim Interistituzzjonali.

L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE mill-Istati Membri tista' wkoll tinfluwenza b'mod sinifikanti l-impatt tagħha fuq in-nies u n-negozji. Aħna nitolbu lill-Istati Membri jipprovdulna feedback dwar l-istimi tagħna tal-benefiċċji u l-kostijiet assoċjati ma' biċċiet speċifiċi ta' leġiżlazzjoni wara li jkunu implimentawhom. Aħna se nużaw dan għall-evalwazzjonijiet tagħna u r-reviżjonijiet sussegwenti tal-leġiżlazzjoni.

Aħna konxji bis-sħiħ tal-importanza tal-SMEs għall-ekonomija tal-UE u t-tbatija li ġarrbu minħabba l-kriżi tal-COVID-19. Ir-rappreżentant tal-SMEs tal-UE<sup>10</sup> se jgħin biex

<sup>5</sup> F'konformità mal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, l-Artikolu 208 tat-TFUE.

<sup>6</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, [Regolazzjoni aħjar:nagħtu rendikont u nżommu l-impenn tagħna](#), COM/2019/178.

<sup>7</sup> Ara t-Taqsima 6.

<sup>8</sup> Ara t-Taqsima 5.

<sup>9</sup> Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1](#)).

<sup>10</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, [Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali](#)", COM(2020) 103.

jiskrinja l-inizjattivi tal-UE biex jidentifika fejn l-impatt fuq l-SMEs jeħtieġ atenzjoni speċjali. Ir-rappreżentant se jgħin ukoll fit-tfassil tal-programm ta' ħidma tal-Pjattaforma Fit for Future<sup>11</sup>, u, flimkien mar-RegHubs tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>12</sup>, jiffoka l-attivitatijiet fuq il-leġislazzjoni li hija l-aktar problematika fil-prattika.

### ***Il-ġbir tal-evidenza u l-aċċessibilità tagħha***

Il-pedament tal-approċċ tagħna għal regolamentazzjoni aħjar huwa li nitgħallmu mill-passat billi nevalwaw il-leġislazzjoni eżistenti. Il-monitoraġġ huwa kruċjali fiċ-ċiklu tal-politika u jeħtieġ il-ġbir sistematiku tad-*data*. Il-klawżoli ta' monitoraġġ u ta' reviżjoni<sup>13</sup> fil-leġislazzjoni jiżguraw li *d-data* meħtieġa tinġabar u tiġi evalwata. Hija r-responsabbiltà konġunta tal-koleġislaturi li jaraw li dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' kwalità għolja, sabiex l-effettività tal-leġislazzjoni tal-UE fl-Istati Membri tkun tista' tiġi vvalutata kif xieraq.

L-evidenza xjentifika hija pedament ieħor ta' regolamentazzjoni aħjar, vitali biex tiġi stabbilita deskrizzjoni preċiża tal-problema, fehim reali tal-kawżalità u għalhekk il-loġika ta' intervent; u biex tevalwa l-impatt. Ir-riċerka ta' kwalità għolja ma tistax issir mil-lum għall-għada, u għalhekk jiġi żgurat li jkun hemm evidenza pertinenti disponibbli meta jkun hemm bżonn biex jiġu antiċipati u kkoordinati aħjar il-ħtiġijiet għall-evidenza. Dan ifisser ukoll mobilizzazzjoni u involviment aħjar tal-komunità tar-riċerka fil-proċess regolatorju mill-bidu nett, kif għamlu ħafna gvernijiet matul il-pandemija.

Il-Kummissjoni kif ukoll il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom diversi bażijiet ta' *data* li fihom jiġbru l-evidenza użata matul il-proċess leġiżlattiv. Sforz konġunt biex jinholq regjistru komuni tal-evidenza<sup>14</sup>, il-Portal Leġiżlattiv Konġunt, jipprovdi lil kull min ikun interessat fit-tfassil tal-politika tal-UE b'aċċess faċli għall-evidenza kollha li tinfed inizjattiva ta' politika partikolari. Kooperazzjoni mtejba f'regjistru komuni tintegra sforzi differenti u tippermetti komunikazzjoni aktar effettiva bejn daww li jfasslu l-politika fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

### ***L-involviment tan-nies fit-tfassil tal-politika tal-UE***

Se nżidu l-isforzi biex nippubblicizzaw il-konsultazzjonijiet pubbliċi tagħna<sup>15</sup> biex nattiraw aktar parteċipanti u kontributi ta' kwalità. Kif imħabbar fil-“Komunikazzjoni ta' Rendikont”<sup>16</sup>, se naħdmu aktar mill-qrib mal-Kumitat tar-Reġjuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, l-awtoritajiet nazzjonali, is-sħab soċjali u assoċjazzjonijiet rappreżentattivi oħra sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-opportunitajiet li jikkontribwixxu għat-tfassil tal-politika tal-Kummissjoni. Pereżempju, se nitolbuhom jgħinuna nxerrdu s-“sejħiet għall-evidenza” tagħna<sup>17</sup> fil-livelli nazzjonali u reġjonali. Ir-rappreżentanzi tal-

<sup>11</sup> Ara t-Taqsima 5.1.

<sup>12</sup> B'segwitu għall-ħidma tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar “Isir inqas b'mod iktar effiċjenti”, il-kumitat tar-Reġjuni introduċa n-[network RegHub](#). Dan huwa network ta' reġjuni li jhars lejn kif il-leġiżlazzjoni tiġi implimentata fil-livell lokali, bl-użu ta' sħarriġ immirat. Madwar l-UE, RegHub 2.0 għandu 46 membru lokali u reġjonali (“ċentri reġjonali”), 10 osservaturi u korp assoċjat wieħed. Iċ-ċentri jiġu kkonsultati permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma, intervisti u kwestjonarji biex tinġabar l-esperjenza tagħhom bl-implimentazzjoni ta' politiki magħżula tal-UE.

<sup>13</sup> Ara t-Taqsima 6.3.

<sup>14</sup> Ara t-Taqsima 4.

<sup>15</sup> Ara t-Taqsima 3.

<sup>16</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, [Regolazzjoni aħjar:nagħtu rendikont u nżommu l-impenn tagħna](#), COM/2019/178.

<sup>17</sup> Ara t-Taqsima 3.

Kummissjoni fl-Istati Membri u d-Delegazzjonijiet tal-UE se jappoġġaw ukoll dawn l-isforzi.

### 3. KOMUNIKAZZJONI AĦJAR MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-PUBBLIKU ĠENERALI

It-tfassil tajjeb tal-politika jinvolvi lil daww affettwati mid-deċiżjonijiet. Biex tinżamm il-fiduċja fl-Unjoni Ewropea, il-politiki tal-UE jeħtieġ li jqsu u jirriflettu l-valuri u t-tħassib taċ-ċittadini. Il-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet ikkonċernati, inklużi ċ-ċittadini, hija essenzjali – speċjalment fi żminijiet ta' inċertezza. Fl-istess ħin, il-konsultazzjonijiet m'għandhomx jimponu piżijiet bla bżonn. Għalhekk, irridu nagħmluha aktar faċli għall-partijiet interessati biex jipprovdu input permezz tal-konsultazzjonijiet tagħna.

Matul il-kriżi, il-partijiet ikkonċernati indikaw li kien diffiċli għalihom li jikkontribwixxu sal-iskadenzi stabbiliti. Bi tweġiba, il-Kummissjoni, fejn possibbli, estendiet il-konsultazzjonijiet pubbliċi u l-opportunitajiet ta' feedback għal inizjattivi li għandhom jitwettqu fl-2020 jew fil-bidu tal-2021, sa 6 ġimgħat. Għall-ġejjieni, se nadottaw sistema aktar simplifikata, inklużiva u aktar sempliċi, ibbażata fuq “sejħa għal evidenza” unika<sup>18</sup> u kwestjonarji aktar ċari, filwaqt li nirrispettaw il-prerogattivi tas-sħab soċjali.

#### ***Sistema simplifikata u aktar aċċessibbli: sejħiet għal evidenza:***

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) tqis li l-Kummissjoni għandha l-aħjar approċċ għall-konsultazzjoni. Madankollu, irridu ntejbu l-approċċ tagħna aktar.

Is-sistema ta' konsultazzjoni attwali tagħna toffri ħafna opportunitajiet biex tikkontribwixxi għat-tfassil tal-politika, inklużi perjodi ta' feedback għal valutazzjonijiet tal-impatt tal-bidu u pjanijiet direzzjonali<sup>19</sup>, konsultazzjonijiet pubbliċi online<sup>20</sup>, konsultazzjonijiet immirati u perjodi għal feedback dwar proposti leġiżlattivi adottati u abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni u delegati.

Madankollu, konsultazzjonijiet multipli dwar l-istess inizjattiva jistgħu jkunu ta' piż u xi drabi jagħmlu pressjoni fuq ir-riżorsi tal-partijiet ikkonċernati. Din hija r-raġuni għaliex issa qed nipproponu li nagħmlu s-sistema ta' konsultazzjoni aktar iffukata, aktar ċara u faċli biex tintuża. Aħna se nikkonsolidaw il-konsultazzjonijiet pubbliċi tagħna f'“sejħa għal evidenza” unika fuq il-portal web tagħna *Semma' Leħnek*<sup>21</sup>. Se nikkombinaw żewġ passi li s'issa kienu wara xulxin: Perjodi ta' feedback dwar il-pjanijiet direzzjonali/il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-bidu, li se jkomplu jiġu ppubblikati fuq *Semma' Leħnek* bħala sejħiet għal evidenza, u konsultazzjonijiet pubbliċi bbażati fuq kwestjonarji.

Is-sejħiet għall-evidenza se jikkonsistu f'deskrizzjoni tal-inizjattiva u, fejn rilevanti, jinkludu link għall-konsultazzjoni pubblika<sup>22</sup>. Bħala regola ġenerali<sup>23</sup>, dawn kollha se

<sup>18</sup> “Evidenza” tirreferi għal diversi sorsi ta' data, informazzjoni, u għarfien, inkluża data kwantitattiva bħal statistika u kejl, data kwalitattiva bħal opinjonijiet, input mill-partijiet ikkonċernati, konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, kif ukoll pariri xjentifiċi u esperti.

<sup>19</sup> Bħalissa, l-evalwazzjonijiet jitħabbru permezz ta' pjanijiet direzzjonali u valutazzjonijiet tal-impatt permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt tal-bidu.

<sup>20</sup> Il-Kummissjoni wettqet 417 konsultazzjoni pubblika bejn l-2015 u l-2018.

<sup>21</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say_mt)

<sup>22</sup> L-organizzazzjoni ta' konsultazzjonijiet immirati se tibqa' fil-kompetenza ta' Direttorati Ġenerali speċifiċi.

<sup>23</sup> Madankollu, fejn meħtieġ, se ssir konsultazzjoni f'żewġ passi.

jkunu disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE<sup>24</sup> u n-nies se jkollhom 12-il ġimgħa biex iwieġbu<sup>25</sup>.

### ***L-iffaċilitar tal-kontribuzzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati***

Il-kontribuzzjoni għall-konsultazzjonijiet pubbliċi teħtieġ ħin u riżorsi minn dawk li jipparteċipaw. Għalhekk irridu niffaċilitaw il-kontribut mill-partijiet ikkonċernati kemm jista' jkun u niżguraw li aħna nikkonsultaw lill-pubbliku biss meta jkun meħtieġ.

L-evalwazzjoni se tkompli tiddependi fuq il-fehmiet ta' dawk affettwati iżda, fejn possibbli, aħna se nikkonsultaw lill-pubbliku darba biss meta nirvedu l-leġislazzjoni eżistenti u nevalwaw il-programmi ta' nfiq f'nofs it-terminu, minflok ma jkollna konsultazzjonijiet separati għall-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt. Se nevitaw ukoll konsultazzjonijiet pubbliċi dwar kwistjonijiet tekniċi ħafna li ftit li xejn huma ta' interess għall-pubbliku ġenerali, fejn konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati hija mezz aħjar biex tinġabar l-evidenza meħtieġa<sup>26</sup>.

Ir-rendikont ta' regolamentazzjoni aħjar wera li l-kwestjonarji ta' konsultazzjoni pubblika huma attwalment twal u tekniċi wisq u ma għandhomx il-bilanċ it-tajjeb bejn mistoqsijiet miftuħa u dawk magħluqa<sup>27</sup>. Se ntejbu l-istruttura, il-kontenut u l-lingwa tal-kwestjonarji biex nindirizzaw dan it-tħassib.

### ***Se nilħqu aktar nies***

*Semma' Leħnek* huwa l-portal web li permezz tiegħu l-partijiet ikkonċernati, inklużi membri tal-pubbliku, esperti xjentifiċi u tekniċi, jistgħu jikkontribwixxu għal inizjattivi hekk kif jieħdu forma qabel u wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni. It-tnejja ta' dan il-punt ta' dħul uniku fl-2017 kienet pass sinifikanti. Lulju 2020 ra t-tnejja ta' verżjoni ġdida b'esperjenza aktar intuittiva għall-utent u funzjoni ta' tiftix imtejba b'mod sinifikanti. F'konformità mal-Istrateġija tagħna għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità<sup>28</sup>, qed nagħmlu wkoll il-portal aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

Madankollu, jeħtieġ li nagħtu spinta lis-sensibilizzazzjoni madwar *Semma' Leħnek*, biex inħeġġu aktar nies — inklużi dawk mingħajr għarfien profund tat-tfassil tal-politika tal-UE u l-komunità xjentifika — biex jikkontribwixxu għas-“sejħiet għal evidenza” tagħna. Għalhekk, aħna se nipromwovu *Semma' Leħnek* b'mod aktar wiesa'<sup>29</sup>. Se nagħmlu sforz ġdid biex naħdmu mal-komunità tar-riċerka xjentifika biex inħeġġuhom jissottomettu riċerka xjentifika rilevanti fil-bidu tal-proċess.

Il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa tippreżenta wkoll opportunità eċċellenti għal dibattitu maċ-ċittadini dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-isfidi u l-prijoritajiet tal-Ewropa. Il-pjattaforma deliberattiva online tal-Konferenza hija approċċ ġdid li jinvolvi ruħu man-nies dwar kwistjonijiet li huma jinteressawhom.

<sup>24</sup> Ħlief għal inizjattivi tekniċi ħafna u kwistjonarji speċjalizzati, fejn tali sforz ikun sproporzjonat għall-kontribut mistenni.

<sup>25</sup> Matul il-vaganzi tas-sajf, dan il-perjodu normalment jiġi estiż għal 14-il ġimgħa.

<sup>26</sup> Id-deċiżjonijiet se jittieħdu fuq bażi ta' każ b'każ.

<sup>27</sup> [Opinjoni tal-Pjattaforma REFIT dwar is-sottomissjonijiet XXII.4.a](#) mid-DIHK u XXII.4.b minn ċittadin dwar il-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati (adottata fis-7 ta' Ġunju 2017).

<sup>28</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, [Unjoni ta' Ugwaljanza:Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030](#), COM(2021) 101 final

<sup>29</sup> Inkluż permezz tal-midja soċjali

## ***Dawk li wieġbu se jisimgħu lura mingħandna***

Fir-rigward tal-kontribut tar-risponent għall-konsultazzjonijiet pubbliċi jeħtieġ li tkun disponibbli informazzjoni dwar kif intużat fil-proċess tat-tfassil tal-politika<sup>30</sup>. Għalhekk, aħna se nżommuhom infurmati bil-feedback li nirċievu u x'jiġri sussegwentement.

Bħala regola ġenerali, se nippublikaw rapport ta' sinteżi dwar kull konsultazzjoni pubblika fi żmien tmien ġimgħat mill-għeluq tagħha<sup>31</sup>. Ir-rapporti fil-qosor li jakkumpanjaw il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet kollha se jipprovdu ħarsa ġenerali u analiżi tal-attivitajiet kollha ta' konsultazzjoni. Il-kontribuzzjonijiet minn tipi differenti ta' partijiet interessati (awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, assoċjazzjonijiet, is-soċjetà ċivili, negozji ta' daqsijiet differenti, il-komunità xjentifika u l-individwi) se jkunu distinti aħjar minn xulxin. L-għarfien li ksibna mill-konsultazzjonijiet se jkun rifless aħjar fil-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet.

In-notifiki dwar żviluppi ġodda ta' kull inizjattiva, bħall-pubblikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni jew l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni finali wara negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill u l-Kummissjoni, se jżommu lill-partijiet ikkonċernati infurmati matul il-proċess kollu<sup>32</sup>.

## **4. AKTAR TRASPARENZA**

It-trasparenza hija fundamentali biex jiġi żgurat li n-nies ikunu jistgħu jaqdu rwol attiv fil-proċess tat-tfassil tal-politika u biex l-istituzzjonijiet tal-UE jinżammu responsabbli għad-deċiżjonijiet tagħhom. Barra minn hekk, l-aċċess għall-evidenza xjentifika huwa wkoll kruċjali biex jiġu indirizzati l-isfidi globali.

F'konformità mal-għanijiet tal-istrateġija diġitali tal-Kummissjoni<sup>33</sup>, se ntejbu l-aċċess għall-evidenza wara kull proposta leġiżlattiva. L-objettiv huwa li jiġi żgurat li, għal kwalunkwe att leġiżlattiv, l-istudji ppubblikati kollha relatati, l-evalwazzjonijiet, is-settijiet tad-*data*, eċċ. ikunu faċli biex jinstabu u jiġu aċċessati.

Se ntejbu d-diversi reġistri u portali ta' evidenza tagħna<sup>34</sup>, bħall-Pubblikazzjonijiet tal-UE<sup>35</sup>, il-EUR-Lex<sup>36</sup> u *Semma' Leġneq*, u r-rabtiet bejniethom. Barra minn hekk,

---

<sup>30</sup> Fl-inventarju tal-2019, kważi 40% ta' dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika (ħafna) ma kinux sodisfatti bil-mod kif il-Kummissjoni tirrapporta dwar ir-riżultat tal-konsultazzjonijiet u l-feedback pubbliċi tagħha, u x'taġhmel b'din l-informazzjoni. Il-Pjattaforma REFIT talbet ukoll għal aktar trasparenza fil-feedback ipprovdut ([opinjoni tal-Pjattaforma REFIT dwar is-sottomissjonijiet XXII.4.a](#)). Dawn l-osservazzjonijiet ġew ikkonfermati wkoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li rrakkomandat li l-Kummissjoni ttejjeb il-mod kif tirreaġixxi għall-evidenza miġbura fl-attivitajiet ta' konsultazzjoni tagħha (QEA, [Rapport Speċjali Nru 14/2019: "Semma' Leġneq!": il-konsultazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissjoni jinvolvu liċ-ċittadini, iżda l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mhumiex biżżejjed](#)).

<sup>31</sup> Dan japplika biss għall-konsultazzjonijiet pubbliċi. Il-perjodu ta' żmien ta' 8 ġimgħat huwa indikattiv għal konsultazzjonijiet pubbliċi b'għadd kbir ta' tweġibiet. Il-feedback tar-risponenti dwar il-proposti leġiżlattivi jiġi ppubblikat online fil-ħin tas-sottomissjoni fuq *Semma' Leġneq*.

<sup>32</sup> Il-Kummissjoni hija impenjata li ttiproteġi d-*data* personali ta' dawk li wieġbu u li tirrispetta l-privatezza tagħhom. Stqarrija ta' privatezza waħda tkopri l-konsultazzjonijiet pubbliċi kollha ppubblikati fuq *Semma' Leġneq*, f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

<sup>33</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, [L-istrateġija diġitali tal-Kummissjoni Ewropea: Kummissjoni ttrasformata diġitalment, iffukata fuq l-utent u mmexxija mid-\*data\*](#), C(2018) 7118.

<sup>34</sup> Il-proċess diġà beda għar-reġistru tad-dokumenti tal-Kummissjoni u l-bażi tad-*data* tal-istudji interistituzzjonali.

gradwalment se nagħmlu l-bażijiet tad-*data* interni u r-repożitorji aċċessibbli għall-pubbliku<sup>37</sup>, f'konformità mal-politika tagħna dwar it-trasparenza tad-*data*<sup>38</sup>. Aħna se nilħqu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex nistabbilixxu reġistru komuni tal-evidenza, il-Portal Leġislattiv Konġunt, li se jippermetti lil kull min ikun interessat fit-tfassil tal-politika tal-UE jsib faċilment l-evidenza kollha li fuqha tkun ibbażata inizjattiva partikolari.

Il-ftuħ tal-evidenza xjentifika<sup>39</sup> għall-iskrutinju pubbliku huwa essenzjali wkoll biex tissaħħaħ il-fiduċja tal-pubbliku. Diġà għamilna disponibbli pubblikament l-MIDAS<sup>40</sup> (ir-repożitorju tal-mudelli tal-Kummissjoni), sabiex kull min ikun interessat ikun jista' jifhem il-metodi u s-suppożizzjonijiet użati fl-analiżi tagħna.

## 5. STRUMENTI ĠODDA GĦAL AKTAR SIMPLIFIKAZZJONI U TNAQQIS TAL-PIŻIJET

Il-leġislazzjoni tal-UE qiegħda hemm biex iġġib benefiċċji billi tagħti kontribut konkret u pożittiv għall-ħajja taċ-ċittadini tagħha, tiffaċilita n-negozji u tgħin biex jiġu ffaċċjati l-isfidi attwali u futuri. Dan jista' jgħib miegħu l-kostijiet, iżda dawn iridu jibqgħu raġonevoli u proporzjonati.

Il-forma aħħarija tal-leġislazzjoni hija r-riżultat ta' negozjati politiċi u kompromessi li għandhom it-tendenza li jagħmluha aktar kumplessa u għalja. Barra minn hekk, xi leġislazzjoni ma taħdimx kif mistenni meta tiġi implimentata fuq il-post. L-impatt ġenerali tal-leġislazzjoni jiddependi fuq dawn it-tliet saffi (il-proposti tal-Kummissjoni, l-atti leġislattivi n-negozjati finali u l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali).

Il-Kummissjoni għandha politika li ilha stabbilita biex ittejjeb il-liġijiet eżistenti tal-UE (ara l-Kaxxa 1). L-għan tal-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT)<sup>41</sup> huwa li jimmassimizza l-benefiċċji għan-nies, għan-negozji u għas-soċjetà inġenerali filwaqt li jneħħi l-burokrazija u jnaqqas il-kostijiet. Għandha l-għan ukoll li tagħmel il-liġijiet tal-UE aktar sempliċi u faċli biex jinftiehm.

Issa se nsaħħu aktar l-isforz għat-tnaqqis tal-piżijiet permezz ta' approċċ "one in, one out" fejn, meta nintroduċu piżijiet ġodda, aħna nfittxu b'mod sistematiku u proattiv li nnaqqsu l-piżijiet imposti mil-leġislazzjoni eżistenti. Biex tappoġġa l-ħidma fuq is-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni, il-Kummissjoni waqqfet il-Pjattaforma Fit for Future biex tirċievi pariri dwar modi kif jiġi żgurat li l-leġislazzjoni tal-UE tkun faċli biex tikkonforma magħha, effiċjenti u adatta għall-futur.

### ***Kaxxa 1: Skeda ta' żmien tal-isforzi tal-Kummissjoni fit-tnaqqis tal-piż amministrattiv***

---

<sup>35</sup> <https://op.europa.eu/en/web/general-publications/publications>

<sup>36</sup> <https://eur-lex.europa.eu/>

<sup>37</sup> Soġġett għal dispożizzjonijiet dwar id-dritt tal-proprietà intellettwali u l-kunfidenzjalità.

<sup>38</sup> [Komunikazzjoni dwar il-Ġestjoni tad-Data, l-Infommazzjoni u l-Għarfien](#), C(2016) 6626/F1 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, [Strateġija Ewropea għad-\*data\*](#), COM(2020) 66 final

<sup>39</sup> Barra minn hekk, l-evidenza xjentifika diġà hija disponibbli għall-pubbliku permezz ta' diversi portali ddedikati, eż. tal-korpi tal-valutazzjoni xjentifika tal-UE (bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, jew l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini).

<sup>40</sup> <https://web.jrc.ec.europa.eu/policy-model-inventory/>

<sup>41</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/refit-making-eu-law-simpler-less-costly-and-future-proof\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/refit-making-eu-law-simpler-less-costly-and-future-proof_mt)

### Storja tal-isforzi tal-UE għat-tnaqqis tal-piż regolatorju

Il-Kummissjoni għandha storja twila ta' tnaqqis tal-piż regolatorju, li tibda fl-2002. L-approċċ għat-tnaqqis tal-piżijiet evolva matul is-snin, bl-esperjenza miġbura b'mod partikolari mill-programm ta' azzjoni għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv 2007-2012.

Dak iż-żmien, instab li approċċ purament għat-tnaqqis tal-kostijiet kellu żvantaġġi sinifikanti<sup>42</sup>, u għalhekk fl-2012 il-Kummissjoni nediet il-programm REFIT, li jiffoka fuq il-bilanċ tal-kostijiet ma' benefiċċji (kwantifikati jew oħrajn) meta l-leġiżlazzjoni tiġi riveduta. Dan jiżgura li r-raġunijiet oriġinali għal-leġiżlazzjoni, jiġifieri l-benefiċċji, ikunu parti mill-ekwazzjoni. L-approċċ "one in, one out" se jikkomplementa l-programm REFIT billi jagħti attenzjoni speċjali lill-kostijiet kumulattivi għall-individwi u n-negozji f'qasam ta' politika partikolari u billi jkopri inizjattivi ġodda.

2002 — Il-programm ta' "regolamentazzjoni aħjar" kien l-ewwel pass lejn is-simplifikazzjoni u t-titjib tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Huwa introduċa valutazzjonijiet tal-impatt obligatorji u konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati għal inizjattivi ġodda proposti mill-Kummissjoni.

2005 — Tnieda programm kontinwu ta' simplifikazzjoni; dan kopra 164 miżura fl-2005-2009 u sar parti mill-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni.

2007 — Il-Kummissjoni nediet il-programm ta' azzjoni għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi; twaqqaf grupp ta' livell għoli biex jagħti pariri dwar l-implimentazzjoni tiegħu.

2012 — Sa tmiem il-programm ta' azzjoni, il-Kummissjoni kienet laħqet il-mira tagħha li tnaqqas b'25% il-piż amministrattiv għan-negozji li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-UE (iffrankar annwali stmat: EUR 30.8 biljun). Saret il-konsultazzjoni dwar l-għaxar atti leġiżlattivi l-aktar ta' piż fuq l-SMEs

2012 — Tnieda l-programm REFIT.

2015 — Il-Kummissjoni ppubblikat studju (*ABRplus*) biex teżamina kif ġew applikati 12-il miżura mill-programm ta' azzjoni u sa liema punt inkisbu l-benefiċċji mwieġha.

2015 — il-Kummissjoni waqqfet grupp ta' livell għoli biex jagħtiha pariri dwar kif għandha tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni (il-Pjattaforma REFIT).

2017 — il-Kummissjoni saħħet ir-REFIT billi integrat is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet f'kull evalwazzjoni u reviżjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

2018 — il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel Stħarriġ Annwali dwar il-Piżijiet<sup>43</sup>.

2020 — Il-Kummissjoni waqqfet il-Pjattaforma Fit for Future biex tappoġġja l-ħidma dwar is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet.

2021 — Il-Kummissjoni kkomplementat REFIT bl-approċċ "one in, one out" biex iżżomm taħt kontroll il-piżijiet rikorrenti.

### 5.1. Approċċ "One In, One Out"

Fil-linji gwida politiċi tagħha, il-President von der Leyen impenjat ruħha li tagħmel l-Ewropa aktar ekoloġika, aktar diġitali u aktar reżiljenti, sabiex inkunu lesti li niffaċċjaw l-isfidi ta' żminijietna u li nibbenefikaw mill-opportunitajiet tal-progress teknoloġiku.

Il-Kummissjoni hija impenjata aktar minn qatt qabel biex tfassal politiki u proposti li jagħmlu l-ħajja aktar faċli għan-nies u għan-negozji. Jeħtieġ li niżguraw li r-regolamentazzjoni tilħaq benefiċċji, tkun immirata, faċli biex wieħed jikkonforma magħha u ma żżidx piżijiet regolatorji mhux meħtieġa.

<sup>42</sup> B'mod ġenerali, ġie konkluż (SWD(2017) 675) li, minħabba kwistjonijiet ta' disponibbiltà tad-*data*, trasparenza u affidabbiltà, l-istima tal-piżijiet amministrattivi fl-Istati Membri kienet eżerċizzju kumpless u għali. Għalkemm l-oġettiv tat-tnaqqis tal-piżijiet kien ibbażat fuq għbir estensiv ta' *data*, ma setax juri b'mod ċar il-benefiċċji tiegħu għan-negozji fil-prattika.

<sup>43</sup> L-[Istħarriġ tal-Piż Annwali](#) huwa rapport annwali tal-Kummissjoni li jipprovdi ħarsa ġenerali tal-isforzi tal-Kummissjoni għat-tnaqqis tal-piżijiet.

L-approċċ “one in, one out” (ara l-Kaxxa 2) jinvolve t-tpaċċija ta’ pizizzjiet ġodda li jirriżultaw mill-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni billi jnaqqas b’mod ekwivalenti l-pizizzjiet eżistenti fl-istess qasam ta’ politika. Barra minn hekk, l-approċċ se jwessa’ l-fokus minn pizizzjiet li jirriżultaw minn atti leġiżlattivi speċifiċi għall-akkumulazzjoni ta’ pizizzjiet f’kull qasam ta’ politika u b’hekk jagħti ħarsa ġenerali aħjar tal-kostijiet fl-oqasma ta’ politika kollha kull sena.

L-esperjenza fl-Istati Membri wriet<sup>44</sup> li l-introduzzjoni ta’ approċċi bħal “one in, one out” tteġġeg lil dawk li jfasslu l-politika biex iħarsu lil hinn mill-oġġettivi tal-politika. Jiġbed l-attenzjoni tagħhom għall-prattikalitajiet tal-implimentazzjoni tal-politiki. Bl-introduzzjoni tal-approċċ “one in, one out”, irridu nsaħħu kultura ta’ tfassil tal-politika li mhux biss tiżgura li niksbu l-oġġettivi ta’ politika tagħna, iżda wkoll tagħti aktar attenzjoni lil *kif* nagħmlu dan. F’dan ir-rigward, aħna se nħarsu lejn is-simplifikazzjoni tal-proċessi li jwasslu għar-riżultati ta’ politika mistennija filwaqt li nikkunsidraw l-użu ta’ soluzzjonijiet diġitali biex titrawwem implimentazzjoni politika b’inqas xkiel u li tiswa inqas flus.

B’din il-bidla, m’għandniex biss innaqqsu l-piż impost mil-leġiżlazzjoni, iżda ġeneralment intejbu l-kwalità ta’ leġiżlazzjoni speċifika u għalhekk il-korp kollu tal-leġiżlazzjoni. Dan se jirriżulta f’enfasi aħjar fuq l-effiċjenza leġiżlattiva, filwaqt li jiġu evitati pizizzjiet li mhumiex strettament meħtieġa għall-kisba tal-oġġettivi ta’ politika.

Taħt il-programm REFIT, aħna diġà neżaminaw il-leġiżlazzjoni eżistenti b’mod sistematiku għal opportunitajiet biex nissimplifikaw u nnaqqsu l-pizizzjiet filwaqt li nippreservaw il-benefiċċji miksuba, pereżempju billi nfittxu soluzzjonijiet diġitali.

Diversi Stati Membri diġà applikaw l-approċċ “one in, one out” b’diversi modi<sup>45</sup>. Il-Kummissjoni teħtieġ li tadattah għall-karatteristiċi tal-kuntest legali u amministrattiv tal-UE, bil-leġiżlazzjoni tal-UE ta’ spiss tinteraġixxi mal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri. Għal dan il-għan, qed nużaw l-esperjenzi mill-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati kif ukoll evalwazzjonijiet regolari bejn il-pari dwar kif l-aħjar inkejlu l-kostijiet tal-leġiżlazzjoni u ntejbu l-kwalità ġenerali tagħha.

Mhux se napplikaw l-approċċ b’mod mekkaniku, pereżempju billi nipproponu l-irtirar ta’ att leġiżlattiv eżistenti għal kull att propost ġdid. Minflok, se nippruvaw nikkompensaw il-pizizzjiet fuq in-nies u n-negozji f’xi proposti leġiżlattivi b’iffrankar f’oħrajn fl-istess qasam ta’ politika. Aħna se nirrappurtaw dwar l-implimentazzjoni annwali tal-approċċ “one in, one out” fl-*Istħarriġ tal-Piż Annwali*.

Il-Kummissjoni se tmexxi l-approċċ “one in, one out” diġà fit-tieni nofs tal-2021 u se tibda timplimentah bil-Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni għall-2022, li diġà qed jitħejja.

Il-kontroll tal-pizizzjiet u l-kwantifikazzjoni tagħhom mhuwiex għan fih innifsu. Il-Kummissjoni se tkompli tipproponi leġiżlazzjoni gdidha bl-għan primarju li ġġib benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali fit-tul lin-nies u lin-negozji. It-test ewlieni se jibqa’ jekk il-benefiċċji jegħlbux il-kostijiet, f’konformità mal-prattika tajba fis-sistema

<sup>44</sup> FI-2020, il-Kummissjoni organizzat żewġ workshops mal-Istati Membri u mal-korpi ta’ sorveljanza regolatorji Ewropej biex tiġbor l-esperjenzi nazzjonali b’approċċ “one in, one out”.

<sup>45</sup> Għal ħarsa ġenerali, ara, pereżempju: [One-In, X-Out: tpaċċija regolatorja f’pajjiżi magħżula tal-OECD](#) (dokument ta’ ħidma dwar il-politika regolatorja tal-OECD).

tagħna ta' "regolamentazzjoni aħjar" rikonoxxuta internazzjonalment. Il-prinċipji tassussidjarjetà u l-proporzjonalità se jiġu applikati bħas-soltu. Għalhekk, l-implimentazzjoni tal-approċċ "one in, one out" bl-ebda mod mhux se twassal għal tnaqqis fl-istandards u l-oġettivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali għoljin tal-UE, u lanqas ma tipprevjenu l-adozzjoni ta' inizjattivi ġodda b'valur miżjud ċar li jsewgu b'effettiv il-prijoritajiet ta' politika.

Biex jikkonformaw ma' dawn l-istandards u japprofittaw mill-benefiċċji li jirriżultaw, in-negozji spiss ikollhom jinvestu fit-titjib tal-linji ta' produzzjoni, inaqqsu l-ħsara lill-ambjent, itejbu s-saħħa pubblika jew jgħollu l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur jew tal-ħaddiema. Filwaqt li n-negozji mhux dejjem jibbenefikaw direttament minn dawn il-bidliet, jistgħu jiekdu vantaġġ minn opportunitajiet ġodda ta' negozju, jiksibu vantaġġ kompetittiv jew ikollhom benefiċċji indiretti, bħal kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku.

Fejn il-ħtiġijiet ta' investiment huma partikolarment għoljin u jirriflettu oġettivi ta' politika importanti, l-UE u/jew l-Istati Membri joffru strumenti speċifiċi biex jakkumpanjaw l-adattamenti meħtieġa<sup>46</sup>. Dawn l-istrumenti jgħinu biex l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-UE jsiru aktar sostenibbli, reżiljenti u mħejjija aħjar għall-isfidi u l-opportunitajiet tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li ħadd ma jitħalla lura. Pereżempju, leġislazzjoni ġdida tista' teħtieġ investiment fir-reżiljenza tagħna fid-dawl ta' impatti ekonomiċi jew ambjentali dejjem jikbru, dipendenzi u riskji relatati, inklużi riskji sistemiċi.

Fl-aħħar nett, il-leġislazzjoni fil-livell tal-UE normalment timmira li tegħleb il-frammentazzjoni regolatorja fi Stati Membri differenti billi tissostitwixxi 27 sistema nazzjonali differenti. Dawk il-kisbiet fl-effiċjenza se jitqiesu bħala "outs".

Sabiex jiġi minimizzat il-piż marbut mal-kisba tal-oġettivi tal-politika tal-UE u jiġi implimentat l-approċċ "one in, one out", il-kostijiet mistennija tal-konformità mal-leġislazzjoni tal-UE se jiġu kkwantifikati b'mod aktar trasparenti u sistematikament ippreżentati fil-valutazzjonijiet tal-impatt. Huma se jiġu skrutinizzati mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju u kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bħala parti mill-proposti tal-Kummissjoni biex tinforma d-dibattitu politiku. Il-kostijiet imġarrba mill-intrapriżi u ċ-ċittadini għall-informazzjoni, ir-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll se jiġu kkompensati bit-tneħħija ta' piżijiet eżistenti ekwivalenti fl-istess qasam ta' politika.

Għal kostijiet li se jiġu kkompensati bħala parti mill-approċċ "one in, one out", se jiġu introdotti l-arranġamenti li ġejjin biex is-sistema ssir aktar flessibbli:

- **flessibbiltà fil-perjodu ta' rapportar** – jekk "out" ma tkunx tista' tiġi identifikata fil-programm ta' ħidma tal-istess sena, din tiġi rrapportata fis-sena ta' wara;
- **"kummerċ" f'ċerti ċirkostanzi eċċezzjonali f'oqsma ta' politika differenti** – jekk il-leġislazzjoni proposta li timponi kostijiet ("in") titqies neċessarja, iżda mhux possibbli li jinstab "out" fl-istess qasam, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li toħroġ minn qasam ta' politika differenti; kif ukoll

---

<sup>46</sup> Pereżempju permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-politika ta' koeżjoni u l-fondi agrikoli, u l-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta.

- **Eżenzjonijiet f'ċerti ċirkostanzi eċċezzjonali** — jekk ikun hemm rieda politika li tiġi regolata iżda ma jkunx possibbli li jiġi identifikat kumpens fl-istess qasam (pereżempju regolamentazzjoni f'oqsma ta' politika emerġenti fejn huwa meħtieġ li timtela lakuna regolatorja), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li teżenta r-regolament mill-approċċ “one in, one out”.

## ***Kaxxa 2: Implimentazzjoni Prattika tal-approċċ “one in, one out”***

### **Deskrizzjoni tal-approċċ “one in, one out” fil-Kummissjoni**

(id-dettalji operattivi u metodoloġiċi se jiġu pprovduti fil-linji gwida u fis-sett ta' għodod riveduti għal regolamentazzjoni aħjar)

#### **Objettivi fil-livell tal-UE:**

- iżommu kemm jista' jkun il-piżijiet fuq l-individwi u n-negozji li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-UE;
- sensibilizzazzjoni akbar fost dawk li jfasslu l-politika dwar il-kostijiet u l-benefiċċji tal-leġiżlazzjoni tal-UE; kif ukoll
- stimi komparabbli tal-kostijiet fl-oqsma ta' politika kollha.

#### **Ambitu:**

- Inizjattivi, kemm ġodda kif ukoll reviżjonijiet, li jiġġeneraw kostijiet sinifikanti jew ineħħuhom u li jkunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt;
- Fażi pilota fit-tieni nofs tal-2021; Il-proposti leġiżlattivi rilevanti kollha tal-Kummissjoni<sup>47</sup>, li jibdeu mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2022;
- Meta inizjattiva timponi xi piżijiet u tneħħi oħrajn, dawn jitqiesu bħala “ins” (kostijiet ġodda) u “outs” (iffrankar tal-kostijiet) rispettivament;
- Il-kostijiet kollha tal-konformità<sup>48</sup> (jiġifieri l-kostijiet tal-aġġustament u dawk amministrattivi) se jiġu analizzati u kkwantifikati fil-valutazzjonijiet tal-impatt, fejn dan ikun fattibbli u proporzjonat.
  - Il-kostijiet amministrattivi se jiġu kkompensati.
  - Il-kostijiet ta' aġġustament se jiġu ppreżentati b'mod trasparenti u sistematiku fil-valutazzjonijiet tal-impatt sa fejn dan ikun fattibbli u proporzjonat. Se jittieħdu miżuri oħra bil-ħsieb li dawk il-kostijiet jiġu kkompensati kemm jista' jkun.
- Il-kostijiet kollha tal-konformità se jiġu skrutinizzati mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, se jkunu disponibbli għall-pubbliku u se jkunu soġġetti għal diskussjonijiet fil-proċess leġiżlattiv.

#### **Ir-rappurtar:**

- Ir-rappurtar se jsir fl-*Istħarriġ tal-Piż Annwali*.
- F'każijiet urġenti fejn inizjattiva tiġi adottata mill-Kummissjoni mingħajr valutazzjoni tal-impatt, l-informazzjoni dwar il-kostijiet assoċjati se tiġi pprovduta wara l-pubblikazzjoni tal-proposta leġiżlattiva, sabiex tkun tista' tiġi inkluża f'“one in, one out”.

<sup>47</sup> L-emendi introdotti mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill jitqiesu fl-istadju tal-evalwazzjoni, wara li l-leġiżlazzjoni tkun ġiet implimentata fl-Istati Membri.

<sup>48</sup> Il-kostijiet ta' aġġustament jinkludu dawk l-investimenti u l-kostijiet li n-negozji, iċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jridu jġarrbu sabiex jaġġustaw l-attività tagħhom għar-rekwiżiti li jinsabu f'regola legali. Il-kostijiet amministrattivi jirriżultaw minn attivitajiet amministrattivi mwettqa għall-konformità mal-obbligi amministrattivi inklużi fir-regoli legali (eż. obbligi ta' rappurtar għal finijiet ta' monitoraġġ u statistika, tikkettar u informazzjoni mhux tat-tikkettar għal partijiet terzi, reġistrazzjoni, ċertifikazzjoni ta' prodotti jew proċessi).

## 5.2. Il-Pjattaforma Fit for Future

Il-Kummissjoni tapprezza ħafna l-input tal-Istati Membri, tas-sħab soċjali u tal-partijiet ikkonċernati (pariri u esperjenza diretta) biex tgħin biex jiġi stabbilit fejn il-leġislazzjoni ma għadhiex adatta għall-iskop tagħha, timponi piżijiet mhux meħtieġa, teħtieġ intervent ulterjuri biex jintlaħqu l-oġġettivi previsti jew tista' tiġi ssimplifikata. Xi leġislazzjoni addizzjonali jaf tkun teħtieġ aġġornament fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha.

Sal-2019, il-Pjattaforma REFIT appoġġat l-isforzi tal-Kummissjoni biex ittejjeb il-leġislazzjoni tal-UE fil-kuntest tal-programm REFIT<sup>49</sup>. Il-pjattaforma pprovdiet informazzjoni siewja dwar l-implimentazzjoni Prattika u l-impatt tal-leġislazzjoni<sup>50</sup>. Madankollu, il-ħidma tiegħu kellha viżibbiltà limitata u l-potenzjal tiegħu mhux dejjem ġie sfruttat bis-sħiħ; dan wassal lill-Kummissjoni biex tnedi l-Pjattaforma Fit for Future f' Mejju 2020<sup>51</sup>.

Il-pjattaforma Fit for Future tkompli tftitex il-potenzjal ta' simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piżijiet. Hija tiċċekkja wkoll il-leġislazzjoni eżistenti fid-dawl tax-xejriet u l-isfidi emerġenti madwar id-dinja. B'dan il-mod, jgħin lill-Kummissjoni tiżgura li l-politiki tal-UE jibqgħu validi fil-futur, ikunu favur l-innovazzjoni, jidentifikaw opportunitajiet għad-diġitalizzazzjoni u jagħtu attenzjoni partikolari għad-“densità leġislattiva”<sup>52</sup>.

Il-pjattaforma Fit for Future tiġbor flimkien l-għarfien espert tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, is-sħab soċjali, in-negozji żgħar u kbar, l-esperti tekniċi u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, tas-saħħa, ambjentali u oħrajn mhux governattivi f'laqgħat regolari biex tittejjeb il-leġislazzjoni eżistenti tal-UE. Il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jaqdu rwol prominenti billi jieħdu sehem fil-grupp tal-gvern tal-Pjattaforma u fil-grupp tal-partijiet interessati, rispettivament. Ir-RegHub 2.0 tal-Kumitat tar-Reġjuni se jkun involut b'mod sistematiku fil-Pjattaforma.

Sabiex jiġi żgurat li l-ħidma tagħha tipproduċi riżultati f'waqthom, viżibbli u utli, il-Pjattaforma taħdem fuq il-bażi ta' programm ta' ħidma annwali. Il-programm ta' ħidma tiegħu għall-2021<sup>53</sup> jiffoka fuq l-identifikazzjoni tal-potenzjal għad-diġitalizzazzjoni, l-appoġġ għal tikkettar effiċjenti, l-awtorizzazzjoni u l-obbligi ta' rappurtar, u t-titjib tal-kwalità tal-leġislazzjoni biex jiġu evitati duplikazzjonijiet u inkonsistenzi, filwaqt li jiġi żgurat li tibqa' valida għall-futur.

Il-programm ta' ħidma annwali huwa stabbilit mill-membri tal-Pjattaforma u jibbenefika mill-kontribut tan-Network tar-Rappreżentanti tal-SMEs (rappreżentat mir-rappreżentant

<sup>49</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, [L-idoneità Regulatorja tal-UE](#). (COM(2012)746).

<sup>50</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, [Regolazzjoni aħjar:nagħtu rendikont u nżommu l-impenn tagħna](#). COM/2019/178.

<sup>51</sup> [Deċiżjoni tal-Kummissjoni C\(2020\) 2977 tal-11 ta' Mejju 2020 li tistabilixxi l-Pjattaforma Fit for Future \(ĠU C 163, 12.5.2020, p. 3\)](#).

<sup>52</sup> Dan jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk huwiex biżżejjed li jiġu stabbiliti prinċipji u oġġettivi, jew jekk humiex meħtieġa preskrizzjonijiet tekniċi dettaljati dwar kif jinkisbu dawk l-oġġettivi. Dan jista' jinfluwenza l-grad ta' diskrezzjoni għall-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali meta jimplementaw il-leġislazzjoni (ara l-ħidma tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u “Isir Anqas b'Aktar Effiċjenza”).

<sup>53</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/refit-making-eu-law-simpler-less-costly-and-future-proof/fit-future-platform-f4f/annual-work-programme\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/refit-making-eu-law-simpler-less-costly-and-future-proof/fit-future-platform-f4f/annual-work-programme_mt)

tal-SMEs tal-UE), l-Istati Membri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni u r-RegHub 2.0.

## 6. INTEJBU L-GĦODOD TAGĦNA

Aktar minn 20 sena minn meta twettqu l-ewwel valutazzjonijiet tal-impatt u evalwazzjonijiet<sup>54</sup>, dawn l-għodod saru parti integrali mill-proċess tat-tfassil tal-politika tal-Kummissjoni. Madankollu, jenħtieġ li dawn l-isforzi jkunu limitati għall-proposti inizjali tal-Kummissjoni, iżda għandhom jiġu applikati wkoll għal-leġiżlazzjoni kif tiġi adottata fi tmiem il-proċess tan-negozjati. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill impenjaw ruħhom li jagħmlu dan fil-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Min-naħa tagħna, qed nippjanaw it-titjib li ġej fl-evalwazzjonijiet u fil-valutazzjonijiet tal-impatt. Qed nistennew bil-ħerqa li nitgħallmu kif l-isħab istituzzjonali tagħna biħsiebhom isaħħu l-isforzi tagħhom, b'mod partikolari fid-dawl tal-impenji tagħhom fil-Ftehim Interistituzzjonali.

### 6.1. L-integrazzjoni tal-previżjoni strateġika fit-tfassil tal-politika

Minbarra li qed tinnaviga l-isfidi tal-lum, il-pandemija tal-COVID-19 uriet li l-UE trid tagħmel aktar biex tantiċipa l-isfidi ta' għada. Neħtieġu politiki mfassla tajjeb biex insaħħu r-reżiljenza tal-UE, naħtfu l-opportunitajiet f'setturi strateġiċi u nindirizzaw il-vulnerabbiltajiet tagħna f'konformità mal-għanijiet ġenerali tal-UE. Irridu niżguraw li l-politiki tal-UE jkunu adattati għall-futur, pereżempju f'termini ta' megatendenzi emerġenti<sup>55</sup>, bħall-aċċellerazzjoni tat-tibdil teknoloġiku, l-iperkonnnettività u x-xejriet demografiċi sinifikanti u oħrajn, kif ukoll l-użu ta' eżerċizzji ta' analiżi tal-orizzont biex jiġu identifikati żviluppi futuri possibbli f'oqsma speċifiċi.

F'dan il-kuntest, il-previżjoni strateġika u bbażata fuq ix-xjenza se jkollha rwol ewleni biex tgħin fit-tfassil tal-politika tal-UE "valida għall-futur", billi tiżgura li d-deċiżjonijiet meħuda llum ikunu bbażati fuq perspettiva aktar fit-tul, inkluż l-iżgurar ta' kontribut għal impenji fit-tul bħall-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli. Se ġgħib ukoll perspettiva dinamika ta' sinerġiji u kompromessi fost l-għanijiet tal-politika tal-UE, u b'hekk tappoġġa l-koerenza tal-politiki tal-UE.

Hekk kif il-previżjoni strateġika tinforma l-inizjattivi ta' politika ewlenin, din se ssir parti integrali mill-aġenda tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar. F'oqsma ta' politika soġġetti għal bidla strutturali rapida, il-valutazzjonijiet tal-impatt, il-kontrolli tal-idoneità u l-evalwazzjonijiet ewlenin se jqisu kemm jista' jkun ix-xejriet ewlenin, bħal dawk identifikati fir-*Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2020*<sup>56</sup> kif ukoll fl-edizzjonijiet tiegħu li ġejjin. Il-konsultazzjonijiet pubbliċi jistgħu jinkludu wkoll mistoqsijiet relatati mal-prospettiva, sabiex tiġi identifikata l-perspettiva tal-partijiet interessati f'qasam ta' politika partikolari. Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju se jqis ir-rwol aktar prominenti tal-previżjoni strateġika meta jiskrutinizza l-valutazzjonijiet tal-impatt, il-kontrolli tal-idoneità u l-evalwazzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-previżjoni

<sup>54</sup> Valutazzjonijiet tal-impatt settorjali tħejjew fil-Kummissjoni mis-snin disgħin.

<sup>55</sup> [https://ec.europa.eu/knowledge4policy/foresight/tool/megatrends-hub\\_en](https://ec.europa.eu/knowledge4policy/foresight/tool/megatrends-hub_en)

<sup>56</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Rapport ta' Prospettiva Strateġika 2020 — inwittu t-triq lejn Ewropa aktar reżiljenti, COM(2020) 493.

strateġika se tikkontribwixxi għall-proċess ta' valutazzjoni ta' kif il-liġijiet tal-UE jibqgħu adattati għall-futur u tippermetti innovazzjonijiet li huma konformi mal-obiettivi tal-politika tal-UE. Fl-aħħar nett, l-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità se jikkonsidraw ir-rilevanza fit-tul tal-politiki fid-dawl ta' żviluppi futuri possibbli.

## **6.2. Valutazzjonijiet tal-impatt aktar komprensivi u trasparenti**

### ***Il-pubblikazzjoni tar-raġunament wara l-proposti rilevanti kollha***

Il-valutazzjonijiet tal-impatt jitwettqu għal inizjattivi fejn hemm alternattivi ta' politika disponibbli, fejn l-impatti mistennija jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar minn qabel u fejn dawn l-impatti huma sinifikanti għas-soċjetà. Madankollu, xi kultant il-ħtieġa għal azzjoni leġiżlattiva urġenti ma tħallix iż-żmien għall-passi kollha stabbiliti fil-linji gwida tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar.

Matul il-kriżi tal-COVID-19, il-Kummissjoni kellha tipproponi għadd ta' inizjattivi bħala kwistjoni ta' urġenza. Il-biċċa l-kbira kienu deċiżjonijiet jew atti li ma kinux jeħtieġu valutazzjoni tal-impatt fi kwalunkwe każ. Oħrajn normalment kienu jkunu soġġetti għal konsultazzjonijiet pubbliċi u valutazzjonijiet tal-impatt, iżda ż-żmien kien qasir wisq. Il-memoranda ta' spjegazzjoni jistabbilixxu r-raġunament sottostanti għall-proposti, iżda l-impatti ma setgħux jiġu vvalutati bis-sħiħ minn qabel minħabba n-nuqqas ta' ħin u s-sitwazzjoni li qed tevolve b'mod rapidu.

Aħna se nkomplu nispegaw in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt fil-memorandum ta' spjegazzjoni għall-proposti leġiżlattivi rilevanti (jiġifieri dawk mingħajr skrutinju tal-RSB). F'każijiet bħal dawn<sup>57</sup>, l-analiżi u l-evidenza kollha ta' sostenn se jiġu stabbiliti f'dokument ta' ħidma tal-persunal ippubblikat mal-proposta jew mhux aktar tard minn 3 xhur mill-pubblikazzjoni tagħha. Dan id-dokument se jistabbilixxi b'mod ċar kif u meta l-att se jiġi sussegwentement evalwat.

### ***Analiżi u rappurtar aħjar tal-impatti***

L-irkupru mill-kriżi attwali se jara bidliet paradigmatiċi fit-tfassil tal-politika u l-investimenti fuq skala mingħajr preċedent li se jsawru d-dinja għall-ġenerazzjoni li jmiss. Huwa essenzjali li dan isir b'mod strateġiku, sabiex mhux biss nirkupraw, iżda wkoll inħaffu t-tranżizzjoni doppja u nagħmlu d-dinja pożizzjoni aħjar, aktar reżiljenti u ugwali milli kienet qabel. Għalhekk, jenħtieġ li l-proposti leġiżlattivi kollha tagħna jikkontribwixxu għal għanijiet ġenerali.

Biex niżguraw dan, aħna se nidentifikaw l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs) rilevanti tan-NU għal kull proposta u se neżaminaw kif l-inizjattiva se tappoġġa l-kisba tagħhom<sup>58</sup>. Ir-rabtiet mal-SDGs se jiġu inklużi matul l-evalwazzjonijiet u l-valutazzjonijiet tal-impatt.

Biex nirriflettu l-għanijiet ambizzjużi tal-Kummissjoni von der Leyen, se ntejbu l-analiżi u r-rappurtar ta' xi tipi ta' impatt, b'mod partikolari dawk relatati mat-tranżizzjonijiet

<sup>57</sup> Jiġifieri, meta VI kellha tkun ippreparata skont id-dispożizzjonijiet tal-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar iżda ma kinitx issegwi deċiżjoni diskrezzjonarja mill-Kummissjoni.

<sup>58</sup> Se japplika l-prinċipju ta' analiżi proporzjonata; għalhekk l-impatti se jiġu kkwantifikati sa fejn ikun fattibbli.

ekoloġiċi u diġitali u d-dimensjoni soċjalment ġusta u ekwa tagħhom<sup>59</sup>. Se nagħtu aktar attenzjoni lid-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll l-ugwaljanza għal kulħadd<sup>60</sup>, biex nagħtuha konsiderazzjoni konsistenti fl-istadji kollha tat-tfassil tal-politika. Il-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali<sup>61</sup> u l-ittestjar taż-żoni rurali<sup>62</sup> se jissaħħu, sabiex il-ħtiġijiet u l-ispeċifitàjiet tat-territorji differenti tal-UE jitqiesu aħjar, pereżempju taż-żoni urbani/rurali, iż-żoni transfruntiera<sup>63</sup> u r-reġjuni ultraperiferiċi<sup>64</sup> biex jiġi ffaċilitat irkupru u koeżjoni aktar simetriċi madwar l-Unjoni. Fl-istess ħin, se nistinkaw biex nikkunsidraw aħjar l-implikazzjonijiet esterni tal-politiki interni u l-impatti sinifikanti tagħhom fuq pajjiżi terzi; l-atturi tagħha se jiġu kkunsidrati aħjar. Fejn rilevanti, dawn l-impatti se jiġu analizzati fil-valutazzjonijiet tal-impatt u ppreżentati fil-memoranda ta' spjegazzjoni li jakkumpanjaw il-proposti tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-valutazzjonijiet tal-impatt iridu jirriflettu l-effetti varji tal-kriżi tal-COVID-19. B'mod partikolari, id-definizzjoni tal-problema, l-analiżi tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, il-linja bażi u l-valutazzjoni tal-għażliet ta' politika jenħtieġ li jqisu ċ-ċirkostanzi mibdula, inklużi l-effetti fit-tul identifikati mill-previżjoni u l-ħtieġa li tissaħħa ir-reżiljenza.

L-SMEs intlaqtu ħażin ħafna mill-kriżi. Valutazzjoni bir-reqqa tal-impatti tal-proposti tal-Kummissjoni fuq L-SMEs se tiżgura li l-azzjoni tkun immirata, tilħaq l-għanijiet tagħha u ma żżidx kostijiet bla bżonn. Applikazzjoni aktar sistematika u proporzjonata tat-“test tal-SMEs”<sup>65</sup> se tgħin biex jintlaħaq dan l-għan.

Fl-aħħar nett, beħsiebna nġeddu s-sommarji eżekuttivi tal-valutazzjonijiet tal-impatt biex nagħmluhom jaqraw b'mod attraenti għal udjenza usa'. Se niżguraw ukoll li l-memoranda ta' spjegazzjoni jiddeskrivu b'mod ċar ir-raġunament bażiku wara l-proposti leġiżlattivi inkwistjoni.

### ***Tabella ta' valutazzjoni tas-sussidjarjetà***

Ir-regolamentazzjoni aħjar hija parzjalment dwar azzjoni fil-livell tal-UE biss meta, u sa fejn ikun meħtieġ. Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità huma l-pedamenti tat-trattati tal-UE, u huma applikati b'mod sistematiku għall-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni.

It-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u “Isir Anqas b'Aktar Effiċjenza” u r-rendikont tar-regolamentazzjoni aħjar enfasizzaw li l-Kummissjoni teħtieġ

<sup>59</sup> Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, [Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali](#), COM(2021) 102 final

<sup>60</sup> F'konformità mal-Artikolu 8 u l-Artikolu 10 TFUE.

<sup>61</sup> B'segwitu għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, [Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità: Insaħħu tar-rwol tagħhom fit-tfassil tal-politika tal-UE](#), COM(2018) 703: *Il-Verifiki tan-Neċessità tal-Valutazzjoni tal-Impatt Territorjali se jiġu introdotti bħala parti mill-għodod sabiex is-servizzi tal-Kummissjoni jkun jistgħu jidentifikaw meta jkun rilevanti għat-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt territorjali*

<sup>62</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, [Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja](#), COM(2017) 713 final

<sup>63</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE, COM(2017)534 finali

<sup>64</sup> Fil-Komunikazzjoni tagħha: [Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE](#), COM(2017) 623 final, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tiżgura li t-tħassib u l-interessi tar-reġjuni ultraperiferiċi jitqiesu kif xieraq bħala rilevanti fil-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet tal-politika.

<sup>65</sup> Sett ta' Għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar 2017, [Għodda #22](#).

tikkomunika aħjar għaliex tqis li hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-UE f'każijiet partikolari. Il-Kumitat tar-Reġjuni żviluppa sett ta' mistoqsijiet standard dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità<sup>66</sup> biex jippermetti fehim komuni ta' dawk il-prinċipji.

F'konformità mal-impenji preċedenti<sup>67</sup>, aħna se nipubblikaw grilja ta' valutazzjoni tas-sussidjarjetà b'kull proposta politikament sensitiva jew importanti akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt<sup>68</sup>. Dan għandu jagħmilha aktar faċli għall-istituzzjonijiet politiċi biex jifhmu liema aspetti tal-ħtieġa u l-forma tal-azzjoni tal-UE huma kontroversjali. Din hija maħsuba biex tiffoka d-diskussjoni fuq dawk il-punti.

### ***Tranżizzjoni doppja***

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew impenja lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-mod li bih ir-regolamentazzjoni aħjar tindirizza u tappoġġa s-sostenibbiltà. Ir-regolamentazzjoni aħjar hija wkoll għodda importanti biex tappoġġa l-progress lejn viżjoni komuni u azzjonijiet xierqa biex l-UE tirnexxi fl-għaxar snin diġitali. Dan se jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali u l-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” bil-mod li ġej:

- Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati jkopru b'mod espliċitu l-aspetti ambjentali u diġitali fejn dan ikun rilevanti;
- Il-valutazzjoni tal-għażla ppreferuta fil-valutazzjonijiet tal-impatt se tiġi estiża biex tkopri l-analiżi tal-prinċipji “la tagħmilx ħsara sinifikanti” u “diġitali b'mod awtomatiku”.
- L-evalwazzjonijiet rilevanti kollha se jkun fihom mistoqsija speċifika dwar jekk l-impatti ambjentali jistgħux jiġu mminimizzati aktar u jekk jistax isir aktar għal trasformazzjoni diġitali ta' suċċess.
- Il-memorandum ta' spjegazzjoni li jakkumpanja l-proposti leġiżlattivi kollha se jispjega kif kull inizjattiva tirrispetta l-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” u tikkontribwixxi biex jinkiseb il-mod Ewropew għal soċjetà u ekonomija diġitali.

B'dan il-mod, il-Kummissjoni se tiżgura li tirrispetta l-obbligi stabbiliti skont il-Liġi Ewropea dwar il-Klima u se twettaq il-miri u l-prinċipji stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-2030 dwar il-Kumpass Diġitali.

### **6.3. It-tisħiħ tal-evalwazzjonijiet biex jittejjeb l-użu tas-sejbiet tagħhom**

Maġġoranza kbira tal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni huma reviżjonijiet tal-leġiżlazzjoni eżistenti, inkluż għall-programmi ta' nfiq. Biex dawn jipproduċu l-aħjar riżultati, jeħtieġ li nivverifikaw jekk il-politiki u l-programmi ta' finanzjament tal-UE wasslux ir-riżultati kif maħsub u għadhomx rilevanti u adatti għall-iskop tagħhom. Dan huwa l-mod kif nitgħallmu.

Għalhekk, aħna se nibqgħu impenjati bis-sħiħ għall-prinċipju ta' “l-ewwel evalwa”. Diġà, aktar minn 80% tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni li jappoġġaw ir-reviżjonijiet leġiżlattivi huma bbażati fuq evalwazzjoni.

<sup>66</sup> <https://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/Pages/Subsidiarityandproportionalityanalysiskit.aspx>

<sup>67</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, [Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità: Insaħħu r-rwol tagħhom fit-tfassil tal-politika tal-UE](#), COM(2018) 703

<sup>68</sup> Ħlief għal oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-UE fejn is-sussidjarjetà ma tapplikax.

## *Aktar klawżoli utli ta' monitoraġġ u reviżjoni*

B'mod ċar, att leġislattiv tal-UE jista' jiġi evalwat biss bl-involvement ta' dawk affettwati u biss wara li jkun ġie implimentat bis-sħiħ mill-Istati Membri. Għalhekk, irid jgħaddi biżżejjed żmien qabel ma l-Kummissjoni tkun tista' tiġbor biżżejjed *data* u evidenza biex tivvaluta l-effettività tal-leġislazzjoni.

Madankollu, il-koleġislaturi spiss jintroduċu emendi li permezz tagħhom il-leġislazzjoni jkun fiha rekwiżiti mhux ċari rigward it-tip ta' rieżami li għandu jitwettaq jew timponi skadenzi għall-evalwazzjoni ta' (partijiet minn) leġislazzjoni li jiskadu qabel ma jkun hemm biżżejjed esperjenza Prattika u informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-effetti tagħha. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qajmet din il-kwistjoni meta vvalutat il-politika ta' evalwazzjoni tal-UE<sup>69</sup>. Il-proposti leġislattivi tagħna se jinkludu klawżoli ta' rieżami li huma konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-awdituri, iżda r-riżultat aħħari jibqa' fil-biċċa l-kbira f'idejn il-koleġislaturi.

Sabiex il-klawżoli ta' rieżami jsiru aktar konsistenti, il-Kummissjoni tipproponi lill-koleġislaturi tagħna li niddistingwu b'mod aktar ċar bejn rapporti ta' implimentazzjoni u evalwazzjonijiet<sup>70</sup>. Tal-ewwel tkopri l-progress fit-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni, inkluż kwalunkwe problema li tinqala' f'dak il-kuntest. Dan tal-aħħar jevalwa l-leġislazzjoni (inklużi l-programmi ta' nfiq) f'tit snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni, filwaqt li jevalwa l-effetti tagħha fid-dawl tal-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti<sup>71</sup>.

L-evalwazzjonijiet u l-valutazzjonijiet tal-impatt sussegwenti jiddependu ħafna fuq il-kwalità, id-disponibbiltà u l-użu mill-ġdid tad-*data*<sup>72</sup>. Għalhekk, huwa kruċjali li tiġi mmonitorjata l-prestazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġislattivi fil-prattika. Fl-istess ħin, tali monitoraġġ u l-obbligi ta' rappurtar relatati jpoġġu piżijiet amministrattivi fuq in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi. Għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm bilanċ bejn il-ġbir biss ta' dak li huwa strettament meħtieġ u li jkun hemm biżżejjed *data* disponibbli għal evalwazzjonijiet futuri. Għal din ir-raġuni, nappellaw lill-koleġislaturi biex jissalvagwardjaw li l-leġislazzjoni kollha tinkludi klawżoli ta' monitoraġġ u rappurtar li jiggarrantixxu biżżejjed *data* rilevanti biex tiġi evalwata.

Biex naħdmu favur klawżoli ta' rieżami konsistenti u klawżoli ta' monitoraġġ Prattikabbli, nistiednu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiżviluppaw definizzjonijiet komuni u jidentifikaw l-aħjar Prattiki permezz tad-djalogu regolari tagħna fil-kuntest tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

B'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID 19, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika ħadu miżuri temporanji biex inaqqsu l-piżijiet tar-rappurtar fuq in-negozji, pereżempju billi jadattaw xi kwestjonarji u modi ta' sottomissjoni tal-informazzjoni. Fl-istess ħin, l-Eurostat u l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika komplew jipprovdu statistika ta' kwalità għolja

<sup>69</sup> Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, [Rapport Speċjali Nru 16/2018:Analiżi ex post tal-leġislazzjoni tal-UE:sistema stabbilita sew, iżda mhux kompluta.](#)

<sup>70</sup> Dan biex tiġi evitata l-invenzjoni ta' kategoriji diverġenti, eż. “il-valutazzjoni tal-esperjenza tal-implimentazzjoni”, “it-twertiq ta' rieżami tal-implimentazzjoni”, “il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-Regolament ... [billi] b'mod partikolari tiġi eżaminata l-effettività tiegħu”, “evalwazzjoni tal-implimentazzjoni”, “rappurtar dwar l-implimentazzjoni u l-impatt”, “rieżami tal-elementi kollha”, “rieżami tal-funzjonament u l-effettività”.

<sup>71</sup> L-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE.

<sup>72</sup> F'konformità mal-[Istrateġija Diġitali tal-Kummissjoni](#) u [Strateġija Ewropea għad-\*data\*.](#)

meħtieġa biex tinforma l-isforzi ta' rkupru u l-monitoraġġ ta' kuljum tal-prestazzjoni tal-liġijiet tal-UE.

### ***It-titjib tal-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità biex it-tfassil tal-politika jkun infurmat aħjar***

L-evalwazzjonijiet huma l-aktar istruttivi meta jiġġeneraw bażi ta' evidenza robusta dwar is-suċċessi u n-nuqqasijiet, filwaqt li jidentifikaw ukoll oqsma għal titjib fir-rigward ta' xejriet u sfidi emerġenti. B'mod importanti, jenħtieġ li huma jgħidu aktar dwar *għaliex* biċċiet ta' leġislazzjoni ħadmu jew ma ħadmu kif mistenni.

Għalhekk, l-evalwazzjonijiet jeħtieġ li jirrapportaw b'mod preċiż is-sejbiet ibbażati fuq l-evidenza dwar kif il-leġislazzjoni tkun wettqet u jaslu għal konklużjonijiet li jorbtu b'mod ċar mal-valutazzjoni. Aħna se nirrappurtaw b'mod aktar ċar kwalunkwe konsegwenza mhux intenzjonata jew prestazzjoni insuffiċjenti tal-liġijiet tal-UE (meta mqabbla mal-oġettivi previsti), sabiex l-evalwazzjonijiet ikunu jistgħu jinfurmaw aħjar it-tfassil tal-politika.

Fil-kuntest tal-approċċ "one in, one out", l-evalwazzjonijiet se jivverifikaw il-kostijiet u l-benefiċċji inizjalment stmati meta mqabbla mal-eżiti reali, wara l-emendi tal-koleġislaturi u l-implimentazzjoni nazzjonali. Il-kontrolli tal-idoneità ta' oqsma ta' politika sħaħ (aktar milli l-evalwazzjonijiet ta' atti leġislattivi speċifiċi) huma partikolarment utli f'dan ir-rigward. Minbarra li jivvalutaw sa liema punt inizjattiva ta' politika qed tilħaq l-oġettivi tagħha, huma jħarsu lejn l-impatti kumulattivi tal-leġislazzjoni, it-trikkib u l-inkonsistenzi, u b'hekk jagħtu stampa aktar sħiħa tal-benefiċċji u l-piżijiet li jgħorru n-negożji, l-individwi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi. Kontrolli tal-idoneità ta' kwistjonijiet orizzontali, bħal obbligi ta' rappurtar diġà twettqu f'għadd limitat ta' oqsma ta' politika (eż. l-ambjent, l-agrikoltura) u identifikaw potenzjal sinifikanti biex jissimplifikaw ir-rekwiżiti u jnaqqsu l-kostijiet tar-rappurtar. Aħna se nagħmlu ħilitna biex inwettqu aktar kontrolli tal-idoneità orizzontali bħal dawn fil-futur, peress li dawn kienu utli ħafna, minkejja li rrikjedew sforzi organizzattivi sostanzjali.

Il-kontrolli tal-idoneità u l-evalwazzjonijiet ewlenin jiġu skrutinizzati mill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju, u jipprovdu l-kontroll tal-kwalità għall-valutazzjoni ta' kif qed taħdem il-leġislazzjoni.

Fl-aħħar nett, bħal fil-każ tal-valutazzjonijiet tal-impatt, se nagħmlu s-sommarji eżekuttivi aktar aċċessibbli u aktar informattivi dwar il-prestazzjoni tal-leġislazzjoni.

#### **6.4. Bord tal-Iskrutinju Regulatorju b'saħħtu**

Fi ħdan il-Kummissjoni, il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju jivvaluta l-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt, l-evalwazzjonijiet ewlenin u l-kontrolli tal-idoneità li jinfurmaw (iżda ma jissostitwixxux) it-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi. Il-Bord ma jistax u ma jiddubitax mill-oġettivi u l-għażliet politiċi ppreżentati fir-rapporti li jakkumpanjaw l-abbozzi ta' proposti, iżda jqis il-kwalità tal-evidenza, l-analiżi u l-loġika tal-intervent. Fir-rwol konsultattiv tiegħu, il-Bord se jkompli joffri pariri dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar, kif emendati wara din il-Komunikazzjoni, inkluż dwar l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet.

Jekk il-Bord isib li valutazzjoni jew evalwazzjoni tal-impatt ma tissodisfax l-istandards stabbiliti fil-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar, huwa joħroġ opinjoni negattiva. Ir-rapport inkwistjoni imbagħad irid jiġi rivedut. Jekk il-Bord joħroġ żewġ opinjonijiet

negattivi dwar valutazzjoni tal-impatt partikolari, il-Viċi President għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva biss jista' jissottometti l-inizjattiva lill-Kulleġġ tal-Kummissarji għal adozzjoni possibbli. L-ebda korp regolatorju ta' sorveljanza fl-Istati Membri ma jingħata dan il-grad ta' influwenza.

Il-President von der Leyen irreviediet id-deċiżjoni li tistabilixxi l-Bord<sup>73</sup> biex jiġi żgurat il-funzjonament mingħajr interruzzjoni tal-Bord meta jintemm il-mandat tal-membri tiegħu kif ukoll biex jissaħħu l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tiegħu, sabiex ir-rwol tiegħu jkun magħruf aħjar mill-pubbliku.

Il-Bord issa jista' jinvolvi ruħu wkoll f'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni indipendenti. Huwa se jfittex li jqajjem kuxjenza dwar il-ħidma tagħha barra l-istituzzjonijiet politiċi tal-UE u b'hekk issaħħaħ il-fiduċja fil-kwalità tal-ħidma tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, se timpenja ruħha aktar ma' korpi simili fl-Istati Membri biex trawwem approċċ komuni għal regolamentazzjoni aħjar.

Fl-aħħar nett, il-Bord se jkollu rwol prominenti fl-iskrutinju tal-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet fid-dawl tal-approċċ “one in, one out”, il-previżjoni strateġika u l-kunsiderazzjoni xierqa tad-diversi effetti tal-kriżi tal-COVID-19.

## 7. IR-RWOL EWLIENI TAL-INFURZAR

L-UE hija mibnija fuq regoli maqbula b'mod komuni. Biex dawn ir-regoli jaħdmu, l-Istati Membri għandhom jimplimentawhom bis-siħ u jinfurzawhom f'waqthom. Imbagħad jeħtieġ li jiżguraw li r-regoli jiġu applikati u infurzati b'mod korrett, minħabba li n-nuqqas ta' infurzar iġorr il-kostijiet għaċ-ċittadini u n-negozji<sup>74</sup>.

Fir-rwol tagħha bħala gwardjan tat-Trattati, il-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u ssegwi ksur serju tar-regoli tal-UE. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għalhekk jaqsmu r-responsabbiltà għall-infurzar tal-liġi tal-UE.

L-applikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-liġi tal-UE huma prijorità għall-Kummissjoni von der Leyen. Kif imħabbar fil-linji gwida politiċi tal-President von der Leyen, aħna se nkomplu niggwidaw u nappoġġaw lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jittrasponu d-direttivi, jimplimentaw ir-regolamenti u japplikaw ir-regoli tal-UE kif suppost. Il-kontrolli tal-konformità tagħna jivverifikaw kif l-Istati Membri jsarrfu l-leġiżlazzjoni tal-UE f'leġiżlazzjoni nazzjonali. Biex jiġi żgurat dialoġu effettiv fil-fażi tat-traspożizzjoni, aħna niddependu fuq l-Istati Membri għal informazzjoni ċara u preċiża dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għas-suq uniku<sup>75</sup>, il-Kummissjoni enfasizzat li l-“gold plating” spiss tissarraf f'piż regolatorju jew amministrattiv addizzjonali għall-konsumaturi u n-negozji, b'impatt partikolari fuq l-SMEs. Madankollu, il-kontrolli tal-konformità ma jistgħux jidentifikaw b'mod preċiż id-

<sup>73</sup> Id-Deċiżjoni C(2019) 5565 tas-17 ta' Lulju 2019 u P(2020) 2 tat-23 ta' Jannar 2020.

<sup>74</sup> Eż. il-kostijiet totali għas-soċjetà tad-diskrepanzi attwali fl-implimentazzjoni ambjentali waħedhom huma madwar EUR 55 biljun fis-sena. Studju COWI għall-Kummissjoni Ewropea, “[Costs of not implementing EU environmental law](#)” (Il-kostijiet tan-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-liġi ambjentali tal-UE) (2019)

<sup>75</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, [Identifikazzjoni u indirizzar tal-ostakli għas-suq uniku](#), COM(2020) 93.

dispożizzjonijiet nazzjonali kollha li jmorru lil hinn minn dak li teħtieġ il-leġislazzjoni tal-UE. F’xi każijiet, il-Kummissjoni lanqas ma tista’ tkejjel b’mod preċiż kemm mill-piż regolatorju jirriżulta mill-fatt li l-Istati Membri jżidu elementi ta’ importanza nazzjonali meta jimplimentaw ir-regoli tal-UE. F’konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>76</sup>, il-Kummissjoni ttenni t-talba tagħha lill-Istati Membri biex jirrapportaw meta jagħżlu li jżidu elementi li ma jirriżultawx mil-leġislazzjoni tal-UE.

Għall-ġejjieni, il-Kummissjoni beħsiebha twettaq rendikont tal-attivitajiet tagħha ta’ sorveljanza u infurzar, biex tiżgura li dawn jibqgħu adattati biex il-liġi tal-UE taħdem fil-prattika.

## 8. KONKLUŻJONIJIET

Minħabba l-opportunitajiet u l-isfidi li għandna quddiemna fl-irkupru mill-kriżi l-aktar reċenti, huwa aktar importanti minn qatt qabel li tilleġiżla bl-aktar mod effiċjenti possibbli. Għalhekk, filwaqt li l-Kummissjoni diġà għandha waħda mill-aħjar sistemi ta’ “regolamentazzjoni aħjar” fid-dinja, aħna — il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni — għadna neħtieġu nagħmlu aktar. Dan huwa partikolarment minnu għall-valutazzjoni tal-emendi ewlenin introdotti matul in-negozjati jew fit-testi leġislattivi finali.

L-ewwel nett, jeħtieġ li niżguraw li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, is-sħab soċjali, in-negozju, is-soċjetà ċivili, il-komunità xjentifika u l-pubbliku ġenerali jaħdmu flimkien fuq tfassil ta’ politika tal-UE ta’ kwalità għolja. Min-naħa tagħna, se ntejbju l-mod kif nikkonsultaw u nikkomunikaw mal-partijiet ikkonċernati u nżidu t-trasparenza. B’mod partikolari, se nissensibilizzaw lin-nies dwar il-portal web *Semma’ Leħnek* u niżguraw li kulħadd ikun jista’ jnaviga l-konsultazzjonijiet dwaru, anke mingħajr għarfien minn qabel.

Qed inżidu l-isforzi biex nissimplifikaw il-leġislazzjoni u nnaqqsu l-piż tagħha billi nistabbilixxu l-approċċ “one in, one out” u nużaw il-parir tal-Pjattaforma Fit for Future. Barra minn hekk, se niżviluppaw is-sett ta’ għodod tagħna għal regolamentazzjoni aħjar biex nagħmlu użu aħjar mill-prospettiva, integraw l-għanijiet ta’ żvilupp sostenibbli u nqisu aħjar is-sostenibbiltà u l-importanza tad-diġitalizzazzjoni. Aħna se nżommu l-approċċ tagħna taħt rieżami biex niżguraw li dan jagħti riżultati kif maħsub. Għal dan il-għan, fl-2023 se naraw kif ġie applikat l-approċċ “one in, one out” u se nirvedu l-implimentazzjoni tiegħu.

L-aħjar mod biex isir progress biex isiru liġijiet aħjar (u b’hekk biex jinkisbu riżultati aħjar) huwa billi naħdmu mill-qrib flimkien matul is-snin li ġejjin. B’dan il-mod, nistgħu niżguraw li l-UE ssir aktar b’saħħitha u aktar reżiljenti matul il-mandat ta’ din il-Kummissjoni.

### Il-Kummissjoni se:

- tinvolvi ruħha mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, inkluż dwar it-titjib tal-kwalità tal-leġislazzjoni tal-UE biex jiġi żgurat li tkun ċara, leġġibbli u tinftiehem;
- tissimplifika l-proċess ta’ konsultazzjoni tagħha għal inqas passi billi tintroduċi sejħa unika għall-

<sup>76</sup> Ara l-paragrafu 43 tal-Ftehim.

evidenza, ittejjeb il-kwestjonarji u tikkonsulta darba biss meta tirrevedi biċċa leġiżlazzjoni;

- xxerred iktar l-għarfien dwar il-portal web imtejjeb *Semma' Leħnek*;
- tipprovdi feedback dwar il-konsultazzjonijiet malajr u toffri aġġornamenti ta' segwitu; tirrifletti b'mod aktar preċiż il-kontribut tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali;
- tagħmel l-evidenza li tirfed kull proposta leġiżlattiva faċilment aċċessibbli billi tgħaqqad aħjar il-bażijiet tad-*data* u r-repożitorji u tiftaħhom gradwalment għall-pubbliku;
- tintroduċi l-approċċ “one in, one out” biex tkompli timminimizza l-piżijiet meta tiġi proposta leġiżlazzjoni u jikkunsidraw l-impatt kumulattiv tal-leġiżlazzjoni fuq in-nies u n-negozji;
- tqis l-opinjoni tal-Pjattaforma Fit for Future — grupp ta' esperti ta' livell għoli li jassisti lill-Kummissjoni billi jipprovdi opinjonijiet dwar kif il-leġiżlazzjoni tal-UE tista' ssir aktar sempliċi, aktar effiċjenti u valida għall-futur;
- tagħmel il-previżjoni parti integrali mit-tfassil tal-politika u l-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar billi jinkorporawh fil-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet;
- għal inizjattivi politikament sensitivi u importanti li għalihom ma kienx possibbli li titħejja valutazzjoni tal-impatt, tippubblika r-raġunijiet u l-evidenza fi żmien 3 xhur;
- tiżgura li regolamentazzjoni aħjar tappoġġa l-implimentazzjoni tal-prinċipji “la tagħmilx ħsara sinifikanti” u “diġitali b'mod awtomatiku” fil-politiki kollha;
- ittejjeb l-analiżi u r-rappurtar tal-impatti tal-proposti (eż. dwar l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, l-SMEs, is-sostenibbiltà, l-ugwaljanza, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità);
- tidistingwi b'mod aktar ċar bejn ir-rapporti ta' implimentazzjoni u l-evalwazzjonijiet, u tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jiżviluppaw definizzjonijiet komuni u jidentifikaw l-aħjar prattiki għal klawżoli konsistenti ta' rieżami u monitoraġġ fil-leġiżlazzjoni tal-UE;
- tagħmel l-evalwazzjonijiet aktar utli għat-titjib tal-politiki u tagħmel użu aktar frekwenti tal-kontrolli tal-idoneità biex jidentifikaw opportunitajiet ta' simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piżijiet;
- ittejjeb il-kwalità u d-disponibbiltà tal-oqfsa ta' monitoraġġ u tad-*data* biex tippermetti evalwazzjonijiet aktar b'saħħithom;
- tiddependi fuq il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju biex jiskrutinizza l-valutazzjonijiet tal-impatt, l-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità fid-dawl tal-approċċ “one in, one out” u l-previżjoni; kif ukoll
- twettaq rendikont tal-attivitajiet ta' sorveljanza u infurzar tagħha.